MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1335/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Christopher Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm301.47c (tlett mija u lira Maltija u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 8422 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2003 u Ottubru 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Nicolai Muscat Farrugia li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm301.47c (tlett mija u lira Maltija u sebgha w erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------